MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 128/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Youssef Mbarrek**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta’ Marzu 2010 fil-konfront ta’ Youssef Mbarrek (bin Saida Mbarek, imwieled l-Algerija fil-25 ta’ Lulju 1963 u detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 20151A). L-imsemmi Mbarrek tressaq b’att ta’ citazzjoni quddiem l-imsemmija qorti akkuzat talli nhar “id-9/10/09 ghall-habta tat-03.00hrs” waqt li kien gewwa l-fond 3, Dormar Court, Flat 4, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar (**1**) ikkaguna griehi [recte: offizi] ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Connie Attandu (Falzon) hekk kif certifikat mit-Tabib Dr Paul Zammit, (**2**) ikkaguna lil Connie Attandu (Falzon) biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’

xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) [tal-Kap. 9], (**3**) kif ukoll talli naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil P.S. 1016 u lil P.C. 1185 meta hekk mitlub waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**2.** Permezz tas-sentenza hawn aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tal-10 ta' Marzu 2010, l-ewwel qorti sabet lill-imsemmi Youssef Mbarrek hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija.

**3.** Mbarrek appella permezz ta' rikors interpost fis-17 ta' Marzu 2010. L-appell instema' quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – fit-28 ta' Mejju 2010, meta xehdu kemm Connie Attandu (Falzon) kif ukoll l-appellant. It-tifel ta' Connie Attandu, Jonathan, li kien xehed bhala xhud tal-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Inferjuri fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2010, ma xehedx ghax, skond ma ddikjarat ommu, dan lahaq siefer.

**4.** L-appellant ghandu erba' aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju jirrigwarda d-data ta' meta gara l-incident. L-appellant jikkontendi, bazikament, li d-data kif indikata fic-citazzjoni hija skorretta ghax, dejjem skond l-appellant, Connie Attandu quddiem l-ewwel qorti kienet qalet li l-incident sehh f'xi d-disgha ta' filghaxija u kwindi ma jistax ikun l-istess incident tat-3 ta' filghodu (tal-ghada). Dana l-aggravju huwa infondat. Huwa minnu li n-nuqqas ta' indikazzjoni korretta tad-data u/jew il-hin fic-citazzjoni jista' jkollu l-effett li l-akkuza "ma tkunx giet pruvata" minhabba li jkun hemm avarija konsiderevoli bejn id-data u/jew hin kif indikat u d-data u/jew hin li fih jirrizulta, mill-provi, li jkun sehh l-incident *de quo*[1]; izda tali konsegwenza ssegwi biss meta jkun hemm dubju dwar jekk kienx hemm aktar minn incident wiehed, u mhux meta jkun car daqs il-kristall li l-incident li jkun jirrizulta mill-provi huwa l-istess wiehed li ghalih tirreferi l-imputazzjoni, anke jekk id-data u l-hin ikunu differenti.

[1] Ara, per ezempju, il-problema li nqalghet fil-kawza deciza b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-17 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicolai (Nicolai Chrsitian) Magrin**.

Bhala regola, in fatti, id-data u l-hin huma dettalji jew cirkostanzi accidentali ghall-imputazzjoni li tkun tipotizza reat, dettalji jew cirkostanzi li jservu pjuttost sabiex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jiddefendi ruhhu adegwatament – in fatti huwa proprju ghalhekk li meta mill-provi tirrizulta data jew hin differenti u l-prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fl-imputazzjoni, il-qorti m'hemmx ghalfejn tordna n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni (jew li terga' tinqara l-imputazzjoni u terga' tigi konfermata bil-gurament) jekk tkun sodisfatta li b'dak it-tibdil l-imputat ma jkunx gie pregudikat fid-difiza tieghu. Dak li hu sostanzjali, u li allura jrid jigi pruvat mill-prosekuzzjoni skond il-ligi, huma l-elementi kostituttivi tar-reat, konsistenti fl-element materjali u l-element formali tar-reat ipotizzat. Issa, fil-kaz in dizamina huwa minnu li l-imputazzjoni ssemmi "id-9/10/09 ghall-habta tat-03.00hrs", meta dan il-hin jirrizulta mill-provi li kien il-hin li fih il-pulizja irnexxielhom itemmu glieda domestika li kienet ilha ghaddejja minn xi l-ghaxra ta' filghaxija (ovvjament tal-gurnata ta' qabel, cioe` tat-8 ta' Ottubru 2009); b'danakollu, izda, hawn ghandna incident wiehed, protratt ghal diversi sieghat, li matulu f'xi hin jirrizulta li Connie Attandu sofriet griehi, liema griehi gew kagunati mill-appellant. Ghalhekk, kif diga` nghad, dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**5.** It-tieni aggravju tal-appellant hu fis-sens li huwa qatt ma seta' jinstab hati tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, u cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Huwa jaghmel referenza in partikolari ghas-sentenza ta' din il-Qorti – kif illum presjeduta – tal-24 ta' April 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis**. L-appellant ghandu ragun. Fil-kaz in dizamina, trattandosi ta' incident wiehed, ghalkemm protratt fuq diversi sieghat, wiehed ma jistax jitkellem dwar "course of conduct" – imgieba, fit-test Malti – li neccessarjament jimplika aktar minn okkazjoni wahda li fiha ssehh l-imgieba li tkun tikkaguna l-biza' lil haddiehor. Apparti minn hekk, u kif wkoll osservat fis-sentenza appena citata ta' **Parnis**, l-Artikolu 251B jirreferi ghall-biza' ta' vjolenza li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur, u mhux ghal vjolenza li tkun effettivament giet kommessa. Sfortunatament qed jigri li l-Pulizija Ezekuttiva kwazi f'kull kaz li fih tintuza vjolenza,

fizika jew morali, qed jakkuzaw ukoll lil dak li jkun bir-reat kontemplat fl-imsemmi Art. 251B, li jindika li l-istess Pulizija Ezekuttiva ghadha me fehmitx il-portata vera tal-imsemmija disposizzjoni. Dan qed jikkawza hafna xoghol zejjed, mhux l-anqas ghal din il-Qorti, li trid toqghod tikkoregi l-izbalji li l-prosekuzzjoni spiss tinduci lill-Qorti Inferjuri fihom. Dan it-tieni aggravju qed jigi akkolt.

**6.** It-tielet aggravju tal-appellant hu, bazikament, li ma kienx hemm provi bizzejjed li juru li effettivament Connie Attandu sofriet griehi li ghalihom kien responsabbli l-appellant. Dana l-aggravju hu manifestament infondat. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li fl-incident *de quo* meritu ta’ l-imputazzjoni, l-appellant sawwat lill-imsemmija Connie Attandu (Falzon) u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa.

**7.** L-ahhar aggravju hu dwar il-piena. L-appellant jikkontendi li hu *first time offender* (effettivament il-fedina penali ezibita fil-kors tal-appell turi li huwa ma ghandu ebda kundanna ohra). Huwa jaghmel referenza ghal diversi sentenzi ohra tal-Qorti tal-Magistrati fejn, f’kaz ta’ reati simili, inghatat sentenza ta’ prigunerija sospiza. Din il-Qorti tibda biex tghid li, kif dejjem affermat, meta si tratta ta’ vjolenza, sew fizika kif ukoll morali, ir-regola ghandha tkun dik ta’ prigunerija b’effett immedjat. Dan japplika wkoll, u b’aktar forza, meta, bhal f’dan il-kaz, si tratta ta’ vjolenza domestika. Jekk il-Qorti Inferjuri taghzel li ma ssegwix din is-*sentencing policy*, ftit li xejn tista’ taghmel din il-Qorti fl-assenza ta’ appell interpost mill-Avukat Generali. Ghalhekk huwa inutili ghall-appellant li jikkwota sentenzi tal-Qorti Inferjuri. Issa, fil-kaz in dizamina din il-Qorti ser ikollha neccessarjament tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti galadarba ser tillibera lill-appellant mit-tieni imputazzjoni.

**8.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa’ l-appell limitatament biss ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, u minnha tilliberah, kif ukoll thassarha u tirrevokaha f’dik il-

parti fejn l-imsemmi appellant gie kkundannat ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija, tikkonfermaha fil-bqija – u cioe` fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni – u, wara li rat l-Artikoli 221(1), 338(*g*) u 17(*d*) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imsemmi Youssef Mbarrek **ghall-piena ta’ hamsin (50) gurnata prigunerija u jumejn (2) detenzjoni**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------